**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 29 t'April 2025**

Rikors Numru: 84/2025 AL

A B

u

C B

(M.R. Numru 2041/1983)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors konġunt li ġie kkonfermat bil-ġurament mill-partijiet tal-partijiet li permezz tiegħu jesponu:

1. Illi l-partijiet iżżewwġu nhar is-sittax (16) ta' Ottubru tas-sena 1983, Ħaż Żabbar, u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat anness u mmarkat **Dokument A**.

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldet il-bint D B fit-tmienja (8) ta' Ġunju tas-senaelfe disa’ mija u sebgħa u tmenin (1987) u għalhekk hija maġorenni u akbar mill-eta’ ta' tlieta u għoxrin sena (23).

3. Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali redatt minn Nutar Dottor Ivan B datat il-ħmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018); vera kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn annessa u mmarkata bħala **Dokument B**.

4. Illi ma hemm l-ebda kwistjonijiet rigwardanti manteniment fir-rigward tal-partijiet, peress li fl-istess kuntratt hawn fuq imsemmi, u senjatament bis-saħħa tal-Artikolu 2, il-partijiet irrinunzjaw għad-dritt tagħhom illi jitolbu manteniment mingħand xulxin.

5. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi huma ilhom legalment separati sa mis-sena elfejn u tmintax (2018), u minn tali data, il-partijiet għexu ħajja totalment separata minn xulxin.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Illi l-esponenti qegħdin jannettu affidavit tagħhom, ma dan ir-rikors, mmarkati **Dokument C u Dokument D** rispettivament.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlobu bir-rispett illi din l-Onor. Qorti jogħġobha:

A. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A et sequitur tal-Kap16 tal-Liġijiet ta' Malta;

B. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xiehda taż-żewġ rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Frar 2025;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mll-15 ta' Novembru 2018;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir *res* judicata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.